MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 394/2003

**Citazzjoni numru 394/03 GC**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Pisani Holdings Limited u Godwin u Carmen mizzewgin Pisani**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-bank attur ippremetta:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti u cioe dawk datati 13 ta' Frar, 1994 u 16 ta' Frar, 1996 in atti Nutar Dottor Mary Grech Pace (Dok "A" u "B"), is-socjeta attrici kkoncediet "Overdraft Facilities" lis-socjeta konvenuta Pisani Holdings Limited;

Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tas-socjeta konvenuta Pisani Holdings Limited fis-somma ta' tmienja u tmenin elf, erba' mija u tnejn u disghin liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm88,492.16) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" tas-socjeta Pisani Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "Cl sa C67" u "D1 sa D49") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April, 2003 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi permezz tal-kuntratti fuq imsemmija u cioe dawk datati l3 ta' Frar l994 u l6 ta' Frar l996 in Atti Nutar Dottor Mary Grech Pace (Dok A u B), kif wkoll permezz ta' zewg skritturi privati datati 11 ta' Ottubru 1994 u 25 ta' Ottubru l996 (Dok E u F), il-konvenuti Godwin u Carmen mizzewgin Pisani iggarantew flimkien u in solidum mas-socjeta Pisani Holdings Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta Pisani Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficcjali datati l6 ta' Jannar 2003 u li kopja taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok G u Dok H sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:-

Tikkundanna lis-socjeta Pisani Holdings Limited u lil-Godwin u Carmen mizzewgin Pisani, ihallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta attrici is-somma ta' tmienja u tmenin elf, erba mija u tnejn u disghin liri Maltin u sittax il-centezmu (Lm88,492.16) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" tas-socjeta Pisani Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C67", u "Dl sa D49") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta'April, 2003 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati l6 ta' Jannar 2003 u tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid li gew prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jidhru u naqsu ukoll li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mill-bank attur;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Dicembru 2003;

Ikkonsidrat:

Peress illi mill-provi t-talbiet attrici jirrizultaw suficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi :

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta Pisani Holdings Limited u lil-konvenuti Godwin u Carmen mizzewgin Pisani, ihallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta attrici is-somma ta' tmienja u tmenin elf, erba mija u tnejn u disghin liri maltin u sittax il-centezmu (Lm88,492.16) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" tas-socjeta Pisani Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. u dana flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta'April, 2003 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjes kollha kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------